

*Appellat:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

### Talbiet tal-appellanti

- tannulla s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tad-19 ta' Novembru 2009, fil-Kawża magħquda T-200/07 sa T-202/07;
- tirrinviya l-kawża lill-Qorti Ġenerali għal eżami mill-ġdid; u
- tornda lill-UASI jbati l-ispejjeż quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

### Aggravji u argumenti prinċipali

L-appellanti ssostni li l-Qorti tal-Prim'Istanza kisret l-Artikolu 7(1)(ċ) tar-Regolament dwar it-trade mark Komunitarja <sup>(1)</sup>, għaliex meta ddikjarat li t-trade marks tal-appellanti ma jstgħux jiġu rreġistrati, hija applikat kriterji legali żbaljati.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Prim'Istanza kisret l-Artikolu 7(1)(ċ) jew l-Artikolu 76 tar-Regolament dwar it-trade mark Komunitarja jew ż-żewġ dispożizzjonijiet, peress illi ma tteħditx inkunsiderazzjoni, b'mod adegwat, il-prassi tal-UASI dwar ir-reġistrazzjoni ta' sinjali li jikkonsisti f'ċifri jew li jirreferu għall-kontenut ta' pubblikazzjoni.

<sup>(1)</sup> Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94, tal-20 ta' Diċembru 1993, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 146), kif issostitwit bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU L 78, p. 1)

**Appell ippreżentat fit-2 ta' Frar 2010 minn Agenzia Wydawnicza Technopol sp. z o.o. mis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Prim'Istanza fid-19 ta' Novembru 2009 fil-Kawża T-425/07 u T-426/07, Agenzia Wydawnicza Technopol vs UASI (100)**

(Kawża C-56/10 P)

(2010/C 113/29)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

### Partijiet

*Appellanti:* Agenzia Wydawnicza Technopol sp. z o.o. (rappreżentant: D. Rzażewska)

*Appellat:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

### Talbiet tal-appellanti

- tannulla s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tad-19 ta' Novembru 2009, fil-Kawża T-425/07 u T-426/07;
- tirrinviya l-kawża lill-Qorti Ġenerali għal eżami mill-ġdid; u
- tornda lill-UASI jbati l-ispejjeż quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

- tornda lill-UASI jbati l-ispejjeż quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

### Aggravji u argumenti prinċipali

L-appellanti tilmenta li l-Qorti tal-Prim'Istanza kisret l-Artikolu 38(2) tar-Regolament dwar it-trade mark Komunitarja, għaliex meta ddikjarat li l-Bord tal-Appell għastment talab li r-rikorrenti ma tinvokax id-drittijiet mhux esklużivi fuq l-elementi numeriċi 100 u 300, hija applikat kriterji legali żbaljati.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Prim'Istanza kisret l-Artikolu 7(1)(ċ) tar-Regolament dwar it-trade mark Komunitarja, applikat kriterji legali żbaljati meta ddeterminat li l-elementi li r-rikorrenti ntalbet tirrinuzja d-drittijiet fuqhom huma deskrittivi.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Prim'Istanza kisret l-Artikolu 7(1)(ċ) u l-Artikolu 38(2) jew l-Artikolu 76 tar-Regolament dwar it-trade mark Komunitarja, jew kisret dawn id-dispożizzjonijiet kollha, billi ma kkunsidratx b'mod adegwat il-prassi tal-UASI rigward ir-reġistrazzjoni ta' sinjali li jikkonsistu f'ċifri jew li jirreferu għall-kontenut ta' publikazzjoni.